# Is-swar tal-Floriana kawża ta' Inkwiet, Protesti u Taxxi



Chev. Mario Coleiro O.S.J.

Meta ntrebaħ l-assedju l-kbir fil-1565 il-Gran Mastru De Vallette ħaseb biex jibni belt fuq il-promontorju tal-art bejn iż-żewġ portijiet. Din l-art kienet magħrufa bħala Monte Xiberras. Fil-pjan oriġinali Francesco Laparelli kien ippjana Belt li prattikament kienet tokkupa nofs dan il-promontorju. Il-bieb prinċipali tal-Belt huwa dak li sal-lum għadna nsejħulu Bieb il-Belt. Għal ħafna snin is-sitwazzjoni baqgħet hekk iżda l-ħsieb tal-kavallieri kien baqa' li dan il-promontorju kollu jkun żviluppat u ffortifikat.

Fis-sena 1635 l-Ordni talab lil Papa Urbanu VIII biex jibgħat lill-inġinier tiegħu Pietro Paolo Floriani biex iħejji pjanti biex jinbnew swar ġodda qudiem dawk tal-Belt Valletta. Minkejja li dan il-proġett kien ilu jissemma, meta ġie biex jitwettaq, sab oppożizzjoni kbira kemm minn ħafna kavallieri kif ukoll mill-Maltin. Il-kavallieri kienu maqsumin bejniethom billi kien hemm min ried iżid is-swar ta' Bormla u oħrajn riedu jibnu dawk tal-Floriana.

Il-Maltin min-naħa l-oħra, opponew dan il-proġett għaliex il-Gran Mastru Lascaris, li kien favur li jinbnew is-swar tal-Floriana, ried jiffinanzja dan il-proġett billi jintroduċi taxxa ġdida. Din it-taxxa kellha titħallas mill-poplu fuq il-propjetà. Dan kien juri biċ-ċar li għalkemm il-Gran Mastru ried jibni dawn is-swar ma kienx lest li joħroġ il-flus biex iħallashom u għalhekk ivvinta din it-taxxa biex prattikament il-poplu jħallas għal dawn l-ispejjeż.



L-iktar li kienu ser jintlaqtu ħażin minn din it-taxxa ġdida kienu l-membri tal-kleru u għalhekk dawn ingħaqdu mal-poplu u pprotestaw bil-kbir. Din il-kwistjoni saħansitra spiċċat quddiem Papa Urbanu stess li min-naħa tiegħu ċanfar lill-qassisin u lill-Maltin talli oġġezzjonaw.

Ir-raġuni wara din iċ-ċanfira kienet ċara ħafna għax il-pjanta tas-swar tal-Floriana kienet saret minn Pietro Paolo Floriani li kien l-inġinier tal-Papa stess. Il-Gran Mastru kien iddeċieda li l-ewwel raħal li fih kellha tinġabar it-taxxa l-ġdida kellu jkun, iż-Żejtun. Minkejja din l-ordni, ż-Żwieten, immexxijin min-numru ta' saċerdoti rreżistew u ftehmu li jiltaqgħu l-Marsa biex jimxu wara salib u jitilgħu l-Belt jipprotestaw. Il-Kappillan tar-raħal induna b'dan il-pjan u informa lill-awtoritajiet b'dak li kien ser jiġri.

Il-Gran Mastru għadab bil-kbir għal dawk li kienu qegħdin jipprotestaw u għalhekk ordna biex il-perċimes jiġu arrestati. Kienu ħafna dawk in-nies li spiċċaw arrestati imma fil-pront intervjena l-Inkwiżitur Fabio Ghigi biex is-saċerdoti, li prattikament kienu qegħdin imexxu din il-protesta, ma ġewx arrestati. Minkejja l-protesti kollha xorta waħda għaddiet tal-Gran Mastru, u l-poplu kellu jbaxxi rasu.

Ix-xogħol tal-bini nbeda f'Jannar tas-sena 1636. Il-bini ta' dawn is-swar beda miexi ġmielu imma xorta baqa' jsib oppożizzjoni kbira l-iktar minn dawk il-kavallieri li kienu kontra. Biex isostnu din l-oppożizzjoni dawn il-kavallieri bdew jitolbu l-pariri ta' diversi inġiniera militari. Fost dawn insibu lill-inġinier Firenzuola li ġie Malta

fl-10 ta' Novembru 1638, biex iħejji rapport fuq il-fortifikazzjonijiet ta' Malta.

Għalkemm fir-rapport tiegħu Firenzuola faħħar is-swar ta' Floriani xorta qal li dawn ma kinux bżonjużi. Hu kien tal-parir li l-ikbar bżonn kien li jinbnew iktar swar biex isaħħu s-swar ta' Santa Margerita, f'Bormla. Il-Kunsill tal-Ordni qagħad fuq dan il-parir u għalhekk twaqqaf ix-xogħol fuq is-swar tal-Floriana u nbdew dawk ta' Firenzuola fuq l-għolja ta' Santa Margerita, Bormla.

Fis-sena 1640 wasal Malta l-inġinier militari l-Markiż di Sant Angelo li meta spezzjona x-xogħol li kien laħaq sar fuq is-swar tal-Floriana ppropona, li bi ftit tibdil dawn is-swar setgħu jitkomplew. Fi żmien il-Gran Mastru De Redin tkompla xi xogħol biex prattikament is-swar tal-Floriana setgħu jintuzaw f'każ ta' xi attakk.

Fi żmien il-Gran Mastri De Gessan u Rafel Cotoner ma sar l-ebda xogħol fuq is-swar tal-Floriana. Hekk kif laħaq il-Gran Mastru Nikola Cotoner l-attenzjoni daret kompletament fuq proġett ġdid ta' linja ta' swar li ħolom bihom dan il-Gran Mastru. Din il-linja ta' swar kellha tgħaqqad it-tlett ibliet fuq in-naħa l-oħra tal-port. Dawn is-swar ġodda bdew jissejħu, tal-Kottonera. Dan kien ukoll proġett li qajjem kontroversja sħiħa, l-iktar fost il-kavallieri iżda Cotoner webbes rasu u kemm dam jaħkem fuq Malta, baqa' għaddej b'dan il-proġett. Kif miet Nikola Cotoner il-proġett tas-swar tiegħu, twaqqaf, minkejja li kien fadallu ftit xogħol biss biex jitlesta.

Iż-żewġ Gran Mastri li segwew li kienu, Caraffa u warajh Alof de Wignacourt prattikament ma komplew xejn mill-bini ta' dawn is-swar kollha għax iktar għaddew ħin iħallsu d-djun kbar li akkumulaw dawn iż-żewġ proġetti. Kellu jkun il-Gran Mastru Ramon Perellos li fi żmienu, ħaseb biex jagħlaq is-swar tal-Floriana u jlesti dan il-proġett. Xhieda ta' dan kollu huwa l-bieb sabiħ, dak li nsejħulu l-Bieb tal-Bombi. Dan il-bieb huwa mżejjen bl-arma ta' Perellos biex ifakkarna li kien dan il-Gran Mastru li għalaq is-swar tal-Floriana.



Għalkemm biex tlestew is-swar tal-Floriana kellu jgħaddi ħafna żmien u minkejja l-kritika u l-oppożizzjoni li dan il-proġett kellu jħabbat wiċċu magħhom xorta jibqa' l-fatt li dawn is-swar huma fost l-iktar impressjonanti f'pajjiżna. Maż-żmien sarulhom diversi modifikazzjonijiet, mhux mill-kavallieri biss, imma anke fi żmien l-Ingliżi. Il-Gran Mastru Antonio Manuel de Vilhena kien ħareġ bil-proposta li fl-ispazju bejn is-swar ta' Floriani u dawk ta' Bieb il-Belt kellu jinbena subborg u jissejjaħ, Borgo Vilhena, għal kunjomu.

Din il-proposta ntlaqet tajjeb ħafna u l-bini beda tiela' ġmielu iżda x-xewqa tal-Gran Mastru, li dan il-post jissemma għalih, ma rnexxitlux. Bil-proġett tiegħu ta' swar qawwija li kien bena, l-inġinier Pietro Paolo Floriani kien impressjona bil-bosta lin-nies, tant, li l-popolin beda jirreferi għal din il-lokalità ġdida bħala, Floriana, deriverattiv ta' kunjom Pietro Paolo li b'tant ġenjalità sawwar dawn is-swar qawwija.

**MARTHESE BAZAAR**

**ĦWEJJEĠ TAL-AĦĦAR MODA**
**GĦAL KULĦADD**
**ŻRABEN, SLIPPERS, TAPITI,**
**BJANKERIJA, UNDERWEAR, EĊĊ.**

***Il-Festa t-tajba lil kulħadd***

**74, Triq San Tumas, Floriana**
**Tel: 2123 7996**